



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.4.2015  
COM(2015) 171 final

ANNEX 1

**ANNEX**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2015  
ta'  
li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,  
dwar il-kooperazzjoni f'ċerti oqsma li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**mal-**

**proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar  
il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet  
(Copernicus)**

## ANNEX

### DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2015

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,  
dwar il-kooperazzjoni f'ċerti oqsma li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE ġiet estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jstabilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010<sup>1</sup> permezz tad-Deċiżjoni Nru 249/2014 tat-13 ta' Novembru 2014<sup>2</sup>.
- (2) Din il-kooperazzjoni għandha tiġi estiża għan-Norveġja, bil-kondizzjonijiet previsti fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, li l-parteċipazzjoni tagħha għandha għalhekk tibda mill-1 ta' Jannar 2014.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1(8d)(e) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem “in-Norveġja u” huma mħassra.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>1</sup> ĠU L 122, 22.4.2014, p. 44.

<sup>2</sup> ĠU L [għadu ma ġiex ippubblikat].

\* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*